32002D0982

L 341/68 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2002

## dwar il-kontinwazzjoni ta' provi u testijiet komparattivi fuq materjal għat-tkabbir tal-pjanti ornamentali *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare* u *Euphorbia fulgens* skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/982/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-*marketing* ta' materjal għat-tkabbir ta' pjanti ornamentali ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/898/KE tat-12 ta' Diċembru 2001 li tippreskrivi arranġamenti għal provi u testijiet fuq materjal għat-tkabbir ta' pjanti ornamentali fil-Komunità skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2001/898/KE tippreskrivi l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparattivi li għandhom isiru skond id-Direttiva 98/56/KE rigward il-pjanti ornamentali *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare* u *Euphorbia fulgens,* mill-2002 sa l-2004.

(2) Provi u testijiet imwettqa fl-2002 għandhom jitkomplew fl-2003,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Provi u testijiet komparattivi tal-Komunità mibdija fl-2002 rigward il-materjal ta' tkabbir tal-pjanti ornamentali *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare* u *Euphorbia fulgens* għandhom jitkomplew fl-2003 skond id-Deċiżjoni 2002/898/KE.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 226, tat-13.8.1998, p. 16.
([2]) ĠU L 331, tal-15.12.2001, p. 101.